**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 3 ta' Ottubru, 2022**

**Talba numru 14/2022 SFJ**

**GORDON'S MOTO DEALER LIMITED (C-31490)**

**VS.**

**ANTHONY PISANI (223662M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-13 ta' Jannar 2022 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi ppremettiet u talbet:

> "*Illi jikkundanna lill-intimat ihallas lilha s-somma ta' tlett elef disa' mija w hamsin Ewro (EUR3,950.00), ammont rapprezentanti l-bilanc pendenti u minnu dovut in konnessjoni mal-bejgh lilu ta' mutur ta' l-ghamla VOGE u mudell 300DS, fid-29 ta' April 2021, u liema bilanc sa llum ghadu ma thallasx, u dan kif jirrizulta mill-anness Dok. GMD 1.*

> *Bl-ispejjez , inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali 166A pprezentata fid-19 ta' Ottubru 2021 (Act Ref. 2317/2021), u bl-interessi legali minn April 2021 sad-data tal-pagament effettiv*".

Ra li wara li saru diversi tentattivi għan-notifika tal-konvenut, kellha tiġi adoperata l-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetti lokali.

Ra li l-konvenut ma ppreżentax Risposta u ma deher għal ebda seduta.

Ra illi fil-21 ta' Gunju 2022, xehed il-Managing Director, is-sur Gordon Micallef, ghan-nom tas-socjeta' attrici, fejn ikkonferma l-ammont dovut ta' EUR 3,950.00, mis-sur Anthony Pisani, kif indikat fl-Avviz, u li sal-gurnata ta' llum ma sar ebda hlas minn l-istess Anthony Pisani.

**Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Fl-udjenza tal-21 ta' Gunju 2022, ir-rapprezentant legali tas-socjeta' attrici, is-sur Gordon Micallef ikkonferma taht gurament li l-ammont dovut lis-socjeta' attrici kien l-istess ammont indikat fl-Avviz tat-Talba u li dak l-ammont ma kienx gie mhallas lis-socjeta', la *in toto* u lanqas parzjalment.

Oltre li x-xhieda hija sodisfaċenti u kompluta, it-Tribunal josserva li l-konvenut ma ressaq ebda difiża u ebda prova in kontradizzjoni tas-socjeta' atrrici, ghalhekk, m'għandu ebda raġuni sabiex jiddubita l-veraċità tax-xhieda tagħha.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta. L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema' lis-sur Gordon Micallef jixhed, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li s-soċjetà attriċi timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' tlett elef disa' mija w hamsin Ewro (EUR3,950.00), bl-imgħax, liema mgħax għandu jiddekorri b'rata mhux ogħla mir-

rata massima permessa skont il-liġi mid-data tal-ftuħ ta' din il-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut ghandu wkoll ihallas l-ispejjez legali ta' din il-kawza, kif ukoll l-ispejjez tal-ittra ufficjali 166A,ipprezentatha fid-19 ta' Ottubru 2021.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**